**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum 29 ta' Jannar, 2021.**

**Rikors Guramentat numru 100/2010**

**Lorry Gatt f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' Jacqueline Cloke, Sharon Gatt u Martin Gatt ulied il-mejjet Nazzareno, Fortunato u Mary Farrugia lkoll ahwa Gatt kif debitament awtorizzat in forza tal-prokuri annessi u markati bhala dok LG1 u LG2; Catherine Cefai u Carmel Gatt**

**-vs-**

**Grace Pisani, Francis Gatt u Dr Joseph Grech li b'digriet tal-15 ta' Jannar 2010 gie nominat kuratur deputat tal-assenti Otus, Michael, Joe, Petra lkoll ahwa Gatt ulied il-mejjet Joseph Gatt u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2010 giet awtorizzata li tizdied mal-konvenuti Sylvia Hodson u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2011 Grace Pisani giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-imsiefra Sylvia Hodson u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2018 git kjamata fil-kawza Frances Susan Gatt**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Lorry Gatt pro et noe, Catherine Cefai u Carmel Gatt li esponew u bil-gurament taghhom ikkonfermaw:

1. Illi l-partijiet salv ghal ta' Jacqueline Cloke, Sharon Gatt, Martin Gatt, Otus Gatt, Michael Gatt, Joe Gatt u Petra Gatt huma ahwa germani

Gatt u lkoll ulied il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo. Mentri Jacqueline Cloke, Sharon Gatt u Martin Gatt huma lkoll ulied il-mejjet Nazzareno Gatt li wkoll huwa iben il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo u li kien jigi hu l-partijiet ahwa Gatt filwaqt li Otus, Michael, Joe, Petra lkoll ahwa Gatt huma ulied il-mejjet Joseph Gatt li wkoll huwa iben il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo u li kien jigi hu l-partijiet ahwa Gatt.

2. Illi Paola Gatt, omm il-partijiet mietet fit-2 ta' April 2008 skont ic-certifikat tal-mewt hawn anness u markat bhala dok A u rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti t-tnejn li huma l-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (20.6.2002) u ta' l-ghaxra ta' Mejju tas-ena elfejn u erbgha (10.5.2004) rispettivament u qed jigu mmarkati bhala Dok C u D rispettivament.

3. Illi qed tigi annessa d-dikjarazzjoni causa mortis relattiva fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit tal-hamsa ta' Settembru elfejn u tmienja (5.8.2008) hawn annessa u markata bhala Dok B u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2018 gie ordnat li tiddahhal is-segwenti premessa:

"Illi skont l-imsemmija testmenti taghha specifikament skont it-testment ta' l-10 ta' Mejju 2004 l-imsemmija Paola Gatt halliet b'titolu ta' legat lil Frances Susan Gatt is-sehem spettanti lilha testatrici mill-fond numru 3 b'bieb iehor bla numru fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex inkluz parti diviza mill-art annessa ma' l-istess lok ta' djar kif murija fuq pjanta annessa ma' dan it-testment, liema legat jinkludi l-oggetti mobbli kollha fl-imsemmija dar kollox inkluz u xejn eskluz.

4. Illi Francesco Gatt, missier il-partijiet miet fil-15 ta' Ottubru elfejn u tmienja skont ic-certifikat tal-mewt anness u markat Dok E u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2018 giet ordnat li tizdied talba ohra u li tigi nnumerata 4A li tghid:

"Tordna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imholli minn Paola Gatt lil Frances Susan Gatt fit-testment tal-10 ta' Mejju 2004 u cioe' s-sehem spettanti lilha testatrici mill-fond numru 3 b'bieb iehor bla numru fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex inkluz parti diviza mill-art annessa ma' l-istess lok ta' djar kif murija fuq pjanta annessa ma' dak it-testment, liema legat jinkludi l-oggetti mobbli kollha fl-imsemmija dar kollox inkluz u xejn eskluz".

5. Illi Francesco Gatt irregola l-wirt u successjoni tieghu in forza ta' zewg testmenti wiehed unica charta ma' martu fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (20.6.2002) u l-iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tas-sitta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (26.11.2004) hawn annessi u markati bhala dok C u F rispettivament;

6. Illi qed jigu wkoll annessi r-ricerki testamentarji ta' Francesco Gatt u markati bhala Dok G u H rispettivament;

7. Illi in forza tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tas-sitta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha, id-decujus Francesco Gatt halla b'titolu ta' prelegat fi pjena u assoluta proprjeta' a favur tal-konvenut Frans Gatt u l-konvenuta Grace mart Grezzju Pisani f'ishma ndaqs bejniethom is-sehem kollu spettanti lit-testatur;

   i. Mil-lok tad-djar numru tlieta (3) fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex bl-ambjenti kollha taghha u bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghha u bil-pussess vakant inkluz sehem it-testatur kollu mill-bitha kif separata mill-porzjon raba ta' quddiemha u nkluz is-sehem it-testatur mit-tliet garaxxijiet li huma accessibbli minn tarag mid-dar fuq imsemmija u li ghandhom il-faccata taghhom ghat-trejqa maghrufa bhala tal-Qedus u li tizbokka fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghhom, liberi u franki u bil-pussess vakant; u kif ukoll sehem it-testatur u cioe' d-drittijiet kollha personali u reali spettanti lit-testatur fuq;

ii. Il-porzjon art li tinsab fi Triq Borg Gharib kantuniera ma' trejqa maghrufa bhala tal-Qedus li tizbokka fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex liema porzjon art tmiss ezatt mar-residenza tat-testatur stess kif ahjar deskritta fl-istess testment.

8. Illi d-decujus imbaghad innomina u stitwixxa bhala werrieta universali tieghu lil Carmelo, Joseph, Katherine armla ta' Mario Cefai, Mary mart Tarcisio Farrugia, Nazzareno, Fortunato, Loreto, Salvina mart Frank Hodson, Frans u Gracie mart Grezzju Pisani;

9. Illi l-atturi ddecidew li ma jaccettawx il-wirt ta' missierhom imma minflok qed jipprocedu biex jiehdu l-porzjon riservata skont il-Ligi u ghal dan il-ghan anke pprezentaw in-nota opportuna fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja hawn anness u markata bhala dok "I" u in forza ta' liema nota zammew validi u fermi d-drittijiet taghhom ghall-porzjon riservata skont il-ligi.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Gatt billi tiddikjara l-konsistenza ta' l-assi ta' Francesco Gatt li jirrizultaw spettanti lilu fid-data tal-mewt tieghu;

2. Tillikwida l-porzjon riservata dovuta lill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-atturi l-porzjoni riservata hekk likwidata favur taghhom;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jidhru fuq l-att relattiv ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-porzjon riservata fuq imsemmija u kif likwidata;

5. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u tinnomina nutar pubbliku ghall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru fuq il-kuntratt fl-eventwali kontumacja tal-konvenuti fuq l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2009 numru 647/2009.

Bil-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech fejn eccepixxa:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Dicembru, 2010 sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin Otus, Michael, Joe, Petra lkoll ahwa Gatt;

2. Illi l-esponenti sal-lum il-guranta ghad ma ghandux informazzjoni dwar indirizz fejn jista' jikkuntattja lil tali assenti u ghalhekk ghadu sal-lum il-gurnata ma huwiex edott mill-fatti;

3. Illi mandanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Grace Pisani f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha msiefra Salvina Hodson u Francis Gatt ai termini ta' l-artikolu 158 tal-Kap 12 fejn esponew u Grace Pisani kkonfermat bil-gurament:

1. Illi l-esponenti kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' missierhom Francesco Gatt permezz ta' nota li gietipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fit-termini ta' l-artikolu 860(2) tal-Kap. 16 fit-12 ta' Awwissu 2009 u fl-1 ta' Settembru 2009, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata A, B u C. Ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi tilfu l-jedd tar-rinunzja ghall-wirt ta' missierhom fit-termini tal-artikolu 869 tal-Kap. 16;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti:

Rat illi din il-kawza giet iddifferita diversi drabi minhabba l-possibilita' ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha.

Rat illi l-kawza giet differita ghas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2021, izda wara rikors kongunt da parti tal-partijiet kollha s-smigh tal-kawza gie rikjamat ghas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2020.

Rat li fis-27 ta' Ottubru, 2020, il-partijiet kollha permezz ta' rikors infurmaw lill-Qorti li kienu waslu ghall-ftehim u ghalhekk qablu li jirrinunzjaw u jcedu t-talbiet taghhom. Huma qablu wkoll li tintalab sentenza dwar it-talba ta' l-atturi sabiex Frances Susan Gatt tigi mmessa fil-pussess tal-legat ta' nofs il-fond li jgib in-numru 3, Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, liema legat kien thalla lilha minn Paola Gatt.

Rat ukoll li fl-istess seduta giet ipprezentata nota minn Philip Pisani li permezz taghha ddikjara li qed jassumi l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ta' l-attur Fortunato Gatt. Giet ipprezentata wkoll prokura.

Rat li l-atturi seduta stante pprezentaw nota li permezz taghha cedew l-ewwel, it-tieni u t-tielet u r-raba talbiet, izda zammew ferm it-talbiet numru erbgha bl-ittra "A", u l-hames talba.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar, 2021.

**Ikkunsidrat.**

**Fatti.**

L-atturi fethu din il-kawza u jghidu li ommhom Paola Gatt, mietet fit-2 ta' April 2008. Hija rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti, it-tnejn li huma fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-20 ta' Gunju 2002, u ta' l-10 ta' Mejju, 2004 rispettivament. Jghidu wkoll li l-partijiet kollha hlief Jacqueline Cloke, Sharon Gatt, Martin Gatt, Otus Gatt, Michael Gatt, Joe Gatt u Petra Gatt huma ahwa germani Gatt u lkoll ulied il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo.

Jacqueline Cloke, Sharon Gatt u Martin Gatt huma mbaghad ilkoll ulied il-mejjet Nazzareno Gatt li wkoll huwa iben il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo u li kien jigi hu l-partijiet ahwa Gatt.

Otus, Michael, Joe u Petra ahwa Gatt huma ulied il-mejjet Joseph Gatt li wkoll huwa iben il-mejtin Francesco Gatt u martu Paola Gatt nee' Vassallo u li kien jigi hu l-partijiet fil-kawza.

Missier il-partijiet kien Francesco Gatt. Dan miet fil-15 ta' Ottubru 2008. Huwa rregola l-wirt u successjoni tieghu in forza ta' zewg testmenti wiehed unica charta ma' martu fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani ta' l-20 ta' Gunju tas-sena, 2002 u l-iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tas-26 ta' Novembru, 2004.
Permezz ta; l-ahhar testment Francesco Gatt halla b'titolu ta' prelegat fi pjena u assoluta proprjeta' a favur tal-konvenut Frans Gatt u l-konvenuta Grace mart Grezzju Pisani f'ishma ndaqs bejniethom is-sehem kollu spettanti lit-testatur. Dan is-sehem jikkonsisti mis-segwenti:

a. Mil-lok tad-djar numru tlieta (3) fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex bl-ambjenti kollha taghha u bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghha u bil-pussess vakant inkluz sehem it-testatur kollu mill-bitha kif separata mill-porzjon raba ta' quddiemha u nkluz is-sehem it-testatur mit-tliet garaxxijiet li huma accessibbli minn tarag mid-dar fuq imsemmija u li ghandhom il-faccata taghhom ghat-trejqa maghrufa baha tal-Qedus u li tizbokka fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghhom, liberi u franki u bil-pussess vakant; u kif ukoll sehem it-testatur u cioe' d-drittijiet kollha personali u reali spettanti lit-testatur fuq;

b. Il-porzjon art li tinsab fi Triq Borg Gharib kantuniera ma' trejqa maghrufa bhala tal-Qedus li tizbokka fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex liema porzjon art tmiss ezatt mar-residenza tat-testatur stess kif ahjar deskritta fl-istess testment.

Jghidu li d-decujus innomina u istitwixxa bhala werrieta universali tieghu lil Carmelo, Joseph, Katherine armla ta' Mario Cefai, Mary mart Tarcisio Farrugia, Nazzareno, Fortunato, Loreto, Salvina mart Frank Hodson, Frans u Gracie mart Grezzju Pisani.

Jghidu wkoll li huma ddecidew li ma jaccettawx il-wirt ta' missierhom imma riedu jzommu ferm id-dritt ghall-porzjon riservata skont il-Ligi u ghal dan il-ghan anke pprezentaw in-nota opportuna fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

Talbu lill-Qorti sabiex l-ewwel tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Gatt billi tiddikjara l-konsistenza ta' l-assi tieghu skont kif jirrizultaw fid-data tal-mewt tieghu, imbaghad tillikwida l-porzjon riservata dovuta lill-atturi. Talbuha wkoll sabiex tikkundanna lill-konvenuti jassenjawlhom tali porzjoni riservata kif ukoll sabiex tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u tinnomina nutar pubbliku ghall-istess fini u kuraturi deputati biex jidhru fuq il-kuntratt fl-eventwali kontumacja tal-konvenuti fuq l-istess att.

Il-Kuratur deputat innominat mill-Qorti fir-risposta tieghu jafferma li huwa qed jirrapprezenta lil Otus, Michael, Joe, Petra lkoll ahwa Gatt li jinsabu fl-esteru. Jafferma illi ma ghandu l-ebda nformazzjoni dwar indirizz fejn jista' jikkuntattja lil tali assenti u ghalhekk huwa ma hux edott mill-fatti. Pero' qed jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha aktar 'il quddiem fil-kawza.

Da parti taghhom il-konvenuta Grace Pisani f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha msiefra Salvina Hodson u Francis Gatt tishaq illi hija u hutha Salvina u Francis kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' missierhom Francesco Gatt permezz ta' nota li giet pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja. Dan ghamluh fit-12 ta' Awwissu 2009 u fl-1 ta' Settembru 2009. Jghidu illi in vista ta' dan huma ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju. Barra minn hekk isostnu li l-atturi kienu tilfu l-jedd tar-rinunzja ghall-wirt ta' missierhom u dana fit-termini tal-artikolu 869 tal-Kap. 16.

Jirrizulta mill-atti li l-atturi permezz ta' nota cedew l-ewwel, it-tieni u t-tielet u r-raba talbiet, izda zammew ferm it-talbiet numru erbgha bl-ittra "A", u l-hames talba. It-talba erbgha bl-ittra "A" zdiedet in forza tad-digriet tat-2 ta' Marzu, 2018. Permezz ta' din it-talba l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lil Frances Susan Gatt minn Paola Gatt . Dan il-legat gie mholli fit-testment ta' l-10 ta' Mejju, 2004. Dan il-legat ukoll huwa s-sehem spettanti lil Frances Susan Gatt mill-fond numru 3, b'bieb iehor minghajr numru fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem u jinkludi parti diviza mill-art annessa ma' l-istess lok ta' djar u dana kif jidher mill-pjanta annessa mat-testment gia msemmi. Il-Legat jinkludi fih l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fid-dar, kollox inkluz u xejn eskluz.

Il-Hames talba issegwi r-raba wahda billi l-Qorti qed tintalab tiffissa gurnata u hin u lok ghall-publikazzjoni ta' l-att relattiv, kif ukoll in-nomina ta' nutar pubbliku u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-evetwali kontumaci fuq l-istess kuntratt.

Gia la darba l-atturi pprezentaw in-nota ta' cessjoni din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet identifikati f'dik in-nota, jigifieri l-ewwel, it-tieni u t-tielet u r-raba talbiet u ser tghaddi sabiex tiddeciedi biss dwar it-talbiet li ghad fadal u cioe' in-numru 4 bl-ittra "A" u n-numru 5. Jirrizulta wkoll li l-partijiet ma humiex qed jopponu dawn iz-zewg talbiet u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqaghhom.

**Decide.**

Ghaldaqstant, in vista tan-nota ta cessjoni da parti ta' l-atturi, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) talbiet;

Rigward it-talba numru erbgha (4) bl-ittra "A" u l-hames (5) talba qeghda tiddeciedi hekk:

**Tilqa' t-talba numru erbgha (4) bl-ittra "A"** u tordna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lil Frances Susan Gatt minn Paola Gatt fit-testment ta' l-10 ta' Mejju, 2004.

**Tilqa' l-hames talba** u tinnomina lin-Nutar Enzo Dimech, sabiex jippubblika l-att relattiv fis-sbatax (17) ta Frar, 2021, fil-Qorti ta' Ghawdex fit-15:00. Tinnomina Dr Joseph Grech bhala kuratur deputat bis-soliti fakoltajiet sabiex jirraprezenta lil eventwali kontumaci.

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet kollha ugwalment.**

**(ft.) Dr. Brigitte Sultana**
**Magistrat.**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**